**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 353/2010**

**Illum: 30 ta’ Ottubru, 2015**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Pace**
**(ID 435790(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mario Pace, iben Carmelo u Maria Carmela nee` Ellul, imwieled il-Pieta` nhar l-14 ta’ Settembru 1990, residenti 548, Sacred Heart, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 435790(M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fit-12 ta’ Awwissu 2010 u matul l-ahhar gimghat qabel din id-data:

a) Ikkoltiva l-pjanta *Cannabis* bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

b) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *Cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

c) Kif ukoll talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehudha mill-pjanta *Cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) Kif ukoll talli sar recidiv wara sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar il-5 ta' Mejju 2010 mill-Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D., liema decizjoni saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Fil-kaz ta' htija, il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-16 ta' Frar 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-12 ta' Awwissu 2010, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga ghamlu tfittxija gewwa ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi, fejn kien hemm l-imputat u gewwa kamra li kienet tinsab fuq in-naha ta' barra tal-istess ghalqa, instabet pjanta suspettata pjanta *cannabis*.[1] Din il-pjanta giet elevata, l-imputat gie arrestat u ttiehed gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal izjed investigazzjoni.[2] Dakinhar stess, huwa rrilaxxja stqarrija u dan wara li gie moghti s-solita twissija ossia illi ma kienx obbligat li jitkellem, izda dak li jghid jista' jingieb bi prova u in oltre wara li rrifjuta li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu.

---

[1] Ritratti ta' din il-pjanta jinsabu esebiti mar-relazzjoni ta' PC 122 Arthur Borg, a fol. 20 tal-process.
[2] Ara x-xhieda ta' PC 10 Trevor Cassar Mallia (a fol. 13 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' WPS 12 Andrea Grech (a fol. 16 tal-process).

Mir-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud[3] jirrizulta illi stante li l-allegata pjanta tal-*cannabis* kienet kompletament degradata, ma setghux isiru ezamijiet u lanqas analizi sabiex jigi determinat jekk il-pjanta kinitx fil-fatt pjanta tal-*cannabis.*

**Ikkunsidrat ulterjoment:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat jinsab akkuzat talli huwa kkultiva l-pjanta *cannabis* bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssostni illi dak li jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat huwa sempliciment illi huwa haseb li l-pjanta in kwistjoni kienet pjanta *cannabis*, izda illi m'hemmx prova forensika fl-atti li turi li din effettivament kienet hekk. Ghaldaqstant skond id-difiza, m'hemmx il-prova rikjesta mil-ligi li l-pjanta in kwistjoni kienet pjanta *cannabis.*

Dwar dan il-Qorti ma taqbilx. Ghalkemm huwa minnu illi fl-atti m'hemmx prova forensika li turi li l-pjanta in kwistjoni kienet pjanta *cannabis*, biss mill-istqarrija rilaxxjata minnu, jirrizulta car illi l-imputat mhux biss haseb izda <u>kien jaf</u> li l-pjanta kienet tali. Dan qed jinghad ghaliex fl-istess stqarrija, l-imputat jghid illi ghalkemm huwa ma kienx jikkonsma l-*cannabis* regolarment, huwa kien ilu jpejjep din is-sustanza madwar sena u li kien ipejjipha billi juza l-*cannabis grass.* Jghid ukoll illi l-ahhar li kien pejjep il-*cannabis* kien jumejn qabel u li jpejjep "*qisu darba f'gimgha*". Mistoqsi minn fejn jixtri l-*cannabis grass,* l-imputat wiegeb hekk "*Dan l-ahhar gimghatejn jiena ma xtrajtx ghax hadt mill-pjanta, dik li sabu l-Pulizija. Kont xtrajt xi grass xi xahar u gimgha ilu u mieghu sibt iz-zerriegha u hadtha u zrajtha u kibret din il-pjanta. Wara xi hmistax kienet gia` tellghet il-weraq zghar u hadt minnha biex inpejjep.*" Mistoqsi wkoll jekk qatt kienx kabbar pjanta ohra tal-*cannabis,* huwa wiegeb fin-negattiv u qal illi qatt ma kien ra wahda, izda kien jaf kif inhi minn fuq il-kompjuter.

Dan ifisser, fil-fehma tal-Qorti, fl-ewwel lok illi l-imputat kien jaf – ghaliex kien ra pjanti tal-*cannabis* fuq il-kompjuter – illi l-pjanta li kabbar kienet pjanta tal-*cannabis* u izjed importanti minn hekk illi l-imputat kien pejjep mill-istess pjanta fl-ahhar gimghatejn u ghalhekk kien jaf ben tajjeb x'kienet dik il-pjanta. Hawnhekk mhux qed nitkellmu fuq persuna li qatt ma kien ikkonsma l-*cannabis* u li ghalhekk seta' kien taht impressjoni zbaljata dwar dak li kien qed jiehu mill-istess pjanta, izda persuna li kien ilu jpejjep il-*cannabis grass* ghall-perjodu ta' madwar sena u li kemm il-darba kkonsma l-*cannabis grass* – huwa jghid li kien jixtri qisu gramma bil-prezz ta' tletin Euro, ghalkemm mhux dejjem kien ihallas l-

[3] Esebita a fol. 30 *et seq* tal-process.

istess – u illi fl-ahhar hmistax ma baqax jixtri l-*grass*, ghaliex beda jikkonsma mill-pjanta li kien kabbar huwa stess. L-imputat ghalhekk kien jaf sewwa x'kien qed jiehu mill-pjanta msemmija u li effettivament minnha kien qed jikkonsma l-*cannabis.* Fil-fehma tal-Qorti l-istqarrija tal-imputat tirrapprezenta ammissjoni cara li twassalha sal-konvinciment morali illi l-imputat fil-fatt kabbar l-pjanta *cannabis.* In oltre ta' min jghid ukoll illi r-ritratti tal-pjanta, esebiti in atti, jkomplu jikkonfermaw u jikkorroboraw din l-ammissjoni tal-imputat fl-istqarrija tieghu.

Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Sharon O'Neil**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-6 ta' Jannar 2004, fejn inghad hekk:

"*Tikkontendi* [l-appellanti] *li s-sempliċi fatt li hija ammettiet li kellha fil-pussess tagħha u li xtrat għal ħaddiehor ir-raża tal-cannabis kif ukoll l-"ecstasy", ma kienx biżżejjed biex il-prosekuzzjoni tipprova sal-grad rikjest mil-liġi l-element materjali tar-reat, u dan peress li dak li hija xtrat seta' ma kienx verament raza tal-cannabis jew "ecstasy".*

*Dan l-aggravju huwa, fic-cirkostanzi, wieħed infondat. Huwa veru li, fl-assenza tas-sejba ta' droga u fl-assenza ta' l-analiżi tagħha, jista' jkun hemm ċirkostanzi li jitfgħu dubju dwar kemm verament l-oġġett li dak li jkun xtara (jew żamm jew għadda lil ħaddieħor) kien droga projbita mil-liġi. Mill-banda l-oħra, meta si tratta ta' oġġett li jiġi kkunsmat, tkun haġa assurda li wieħed jippretendi li f'kull każ, biex tinstab ħtija, hemm bżonn li tinstab ukoll xi droga jew traċċi tagħha jew oġġetti relatati ma' l-abbuż tad-droga. Fi kliem ieħor, jekk qorti tkun sodisfatta – bħalma l-ewwel qorti kienet sodisfatta f'dan il-każ – li dak li qed jammetti l-imputat huwa minnu, u cioe` f'dan il-każ li l-appellanti verament kellha r-raza tal-cannabis u l- "ecstasy", u mhux xi "oġġett" ieħor, allura l-ħtija tista' tiġi bbażata esklussivament fuq tali ammissjoni.*"

Din is-sentenza giet abbraccjata wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali, kif diversament presjeduta, fis-sentenza taghha tal-20 ta' Settembru 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Matthew Saviour Felice Pace**. Fil-kaz **Il-Pulizija vs Richard Borg**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta' Settembru 2002, il-Qorti wkoll kienet irrimarkat illi jista' jwassal "*ghal precedent perikoluz biex kull ammissjoni dwar droga ma jkollha ebda effett probatorju jekk ma tkunx akkumpanjata b'analisi tad-droga innifisha, analisi li f'hafna kazijiet ma tkunx tista' ssir, ghas-semplici raguni li d-droga tkun lahqet giet ikkunsmata jew ma tinstabx*". F'dak il-kaz, fl-istqarrija tieghu, l-imputat kien ammetta *inter alia* illi kuljum huwa kien jiehu zewg pakketti eroina u li d-droga li nstabet fuqu kienet eroina li kien xtraha fil-ghodu stess u li kien ukoll ikkonsma minnha.

Ghaldaqstant, a bazi tas-suespost, il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel imputazzjoni.

Permezz tal-imputazzjoni (b), l-imputat gie akkuzat ukoll bil-pussess semplici tal-pjanta *cannabis*, kollha jew bicca minnha. Apparti illi la darba l-imputat ikkoltiva l-istess pjanta, konsegwentement, fl-istess zmien, huwa kellu wkoll fil-pussess tieghu l-pjanta tal-*cannabis*, kif inghad, jirrizulta wkoll mill-istqarrija rilaxxjata minnu illi huwa kien ilu jpejjep il-*cannabis grass* madwar sena, li kien jpejjep madwar darba fil-gimgha u kien biss fl-ahhar gimghatejn li ma xtarax il-*grass* ghaliex kien qed jiehu mill-pjanta. Dan ifisser illi qabel dawn il-gimghatejn, huwa kellu fil-pussess tieghu *cannabis grass*, li kien akkwistaha. Fil-fatt huwa jghid illi kien jixtri gramma *grass* bil-prezz ta' tletin Euro, ghalkemm gieli hallas xort'ohra u jghid ukoll illi kien xtara xi *grass* xi xahar u gimgha qabel, meta kien sab iz-zerriegha li mbaghad giet mizrugha minnu, apparti li kif inghad, jghid li jpejjep madwar darba fil-gimgha. Stante li din l-imputazzjoni tirreferi ghat-12 ta' Awwissu 2010 u l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data, huwa car illi din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-imputazzjoni (c), imbaghad, l-imputat gie akkuzat bil-pussess semplici tar-raza tal-*cannabis*. F'dan ir-rigward, l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu illi huwa gieli kkonsma minnha, imma rari hafna. Stante illi anke din l-imputazzjoni tirreferi ghat-12 ta' Awwissu 2010 u l-ahhar gimghat ta' qabel din id-data, u b'gimghat il-Qorti tifhem proprju dan u certament mhux perjodu ta' sena, fin-nuqqas ta' prova cara dwar iz-zmien li fih l-imputat ikkonsma r-raza tal-*cannabis* jew illi l-imputat ikkonsma din id-droga fil-gimghat ta' qabel it-12 ta' Awwissu 2010, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacement ippruvata skond il-ligi.

Permezz tal-imputazzjoni (d), l-imputat inghata l-addebitu tar-recidiva u dan a bazi ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-5 ta' Mejju 2010 mill-Magistrat Dr. A. J. Vella. F'dan ir-rigward, il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' *charge sheet* mahruga fil-konfront tal-imputat odjern, b'notament fil-qiegh tal-istess, li jghid "*Ammissjoni multa €240*", segwita b'firma u bid-data tal-5 ta' Mejju 2010.[4]

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2012, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Darmanin**, inghad hekk:

[4] Ara a fol. 42 tal-process.

"*Skont ġurisprudenza kostanti, il-prova tar-reċidiva – sakemm ma jkunx hemm ammissjoni – hija*: "*billi tiġi esibita kopja uffiċjali tas-sentenza relattiva u wara issir il-prova tal-identita`. L-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesibixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem minkejja l-eżenzjoni mogħtija mill-akkużat li tipproduċi prova tal-identita`. Jekk ma tiġix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja uffiċjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuża, allura wieħed ma jistax jgħid li saret l-aħjar prova dwar jekk verament preċedentement l-akkużat kienx ikkommetta xi reat ieħor li tiegħu ġie misjub ħati.*

*Għalkemm il-fedina penali tista' tittieħed in konsiderazzjoni mill-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali biex ikunu jistgħu jikkalibraw il-piena, l-imputazzjoni tar-reċidiva dejjem tinneċessita li ssir il-prova tal-kundanna jew kundanni preċedenti.*"

Certament illi d-dokument esebit ossia c-*charge sheet* bin-notamenti msemmija, m'huwiex kopja ufficjali tas-sentenza relattiva u ghaldaqstant, il-Qorti qed tillibera lill-imputat minn dan l-addebitu.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni, fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien in kwistjoni, liema fedina penali hija kwazi netta.

Qieset ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, huwa kkopera mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizuta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu.

Qieset ukoll illi l-pjanta in kwistjoni kienet twila madwar 65 centimetri u li f'dan il-kaz ma saret l-ebda allegazzjoni da parti tal-Prosekuzzjoni u lanqas del resto ma ngabet xi prova illi t-tkabbir ta' din il-pjanta mill-imputat kien intiz ghall-ispacc tal-*cannabis*, izda jirrizulta biss li din kienet ghall-uzu personali tieghu, tant li fil-fatt, fit-tieni imputazzjoni, huwa gie mixli sempliciment bir-reat ikkontemplat fl-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi huwa ma jbieghx *grass* u dak li ha mill-pjanta, zammu kollu ghalih.

Ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, "*Persuna li tinstab hatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantita` zghira li ma taqbizx pjanta wahda, f'cirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet ghall-uzu personali m'ghandhiex tkun soggetta ghal terminu mandatorju ta' prigunerija u m'ghandhiex tkun soggetta ghall-eskluzjoni tal-applikazzjoni ta'*

*ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' prigunerija previsti fil-ligijiet dwar id-droga.*"

Ghaldaqstant, fil-waqt illi ai termini tal-Artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-reat ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-*cannabis* huwa punibbli tassattivament b'terminu ta' prigunerija ta' mhux inqas minn sitt xhur u mhux izjed minn ghaxar snin flimkien ma' multa ta' mhux inqas minn €465.87 u mhux izjed minn €11,646.87, mill-banda l-ohra ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap. 537 hawn fuq citat, meta jirrizultaw ic-cirkostanzi hemmhekk indikati, il-piena ta' prigunerija ma tibqax wahda tassattiva u l-Qorti tista' minflok tqieghed lill-hati that <u>Ordni ta' *Probation*</u> jew tikkundannah ghal <u>sentenza ta' prigunerija sospiza</u>.

F'dan il-kaz, tenut kont tac-cirkostanzi indikati izjed 'il fuq, il-Qorti jidhrilha illi fl-ewwel lok, japplika l-Artikolu 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u fit-tieni lok, lanqas sentenza ta' prigunerija sospiza ma tkun wahda xierqa. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tqieghed lill-imputat taht Ordni ta' *Probation* u ser timponi l-piena ta' multa tassattiva.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), in kwantu jirrigwarda l-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* fil-hmistax il-jum qabel it-12 ta' Awwissu 2010, tali reat huwa kompriz u nvolut fl-ewwel reat tal-kultivazzjoni tal-istess pjanta. In kwantu jirrigwarda l-pussess semplici tal-pjanta tal-*cannabis* li l-imputat akkwista qabel dawn il-hmistax-il jum u ghalhekk qabel ma beda jiehu mill-pjanta li kkultiva, stante illi l-imputazzjoni tirreferi ghall-ahhar gimghat ta' qabel it-12 ta' Awwissu 2010 u l-imputat jghid illi huwa kien jakkwista gramma bil-prezz ta' tletin Euro, m'hemmx prova li turi illi effettivament f'dan iz-zmien, l-imputat kien akkwista izjed minn 3.5 grammi *cannabis*. Ghaldaqstant, fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, dwar il-pjanta *cannabis* li l-imputat akkwista u kienet fil-pussess tieghu qabel ma beda jiehu mill-pjanta li kkultiva, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(c), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 4(1), 4(2) u 7 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikoli 17(f) u (h) tal-Kap. 9, qed issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet (c) u (d) migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnhom, fil-waqt illi qed issibu hati tal-imputazzjonijiet (a) u (b) u fir-rigward tal-imputazzjoni (a), bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, qeghda tqieghdu taht Ordni ta'

*Probation* ghal zmien tmintax-il xahar mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza u multa ta' seba' mitt Euro (€700) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data ta' din is-sentenza. B'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.

Fir-rigward tal-imputazzjoni (b), il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-penali ta' hamsin Euro (€50).

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat matul il-perjodu operattiv tal-Ordni tal-*Probation* u kemm il-darba huwa jonqos milli jsegwi l-kundizzjonijiet tal-istess Ordni.

Tordna d-distruzzjoni tal-esebit immarkat bhala K/B/456/2010 formanti parti mill-atti tal-inkjesta esebiti fl-atti ta' din il-kawza bhala Dokument JM, hekk din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez tal-esperti li gew nominati fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta dwar dan il-kaz, ossia l-ammont ta' tmien Euro u tlieta u sebghin centezmu (€8.73), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 1261 Charles Pace u l-ammont ta' tlieta u ghoxrin Euro u sitta u tmenin centezmu (€23.86), rapprezentanti l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' PS 122 Arthur Borg, b'kollox ammontanti ghas-somma ta' tnejn u tletin Euro u disgha u hamsin centezmu (€32.59).

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole.*

Natasha Galea Sciberras
Magistrat